



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2015
SWD(2015) 205 final

PART 3/3

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Vademecum dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea b'apport tal-leġislazzjoni u l-politiki
tal-Unjoni
IT-TIELET PARTI**

Il-linji gwida għall-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' standardizzazzjoni

Werrej

0.	INTRODUZZJONI	1
1.	L-OBJETTIVI	3
2.	IL-LINJI GWIDA GĦALL-EŻEKUZZJONI TAT-TALBIET TA' STANDARDIZZAZZJONI.....	4
2.1.	Introduzzjoni għall-prinċipji ġenerali.....	4
2.2.	Informazzjoni dwar l-ippjanar ta' proġetti	4
2.3.	L-istabbiliment tal-programm tal-ħidma mitluba.....	4
2.4.	Qbil fuq il-programm tal-ħidma mitluba u d-disponibbiltà tiegħu.....	4
2.5.	Aġġornamenti fil-programm tal-ħidma mitluba.....	5
2.6.	Ir-rapportar	5
2.7.	Il-koerenza fil-ħidma mitluba ta' standardizzazzjoni.....	6
2.8.	Gwida speċifika għall-iżvilupp ta' standards armonizzati	6
2.8.1.	Miżuri biex jiġi żgurat li standard armonizzat jikkonforma ma' talba ta' standardizzazzjoni	6
2.8.2.	Gwida għall-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet għal standards armonizzati.....	6
2.8.3.	Gwida għall-għażla ta' referenzi normattivi fi standards armonizzati.....	7
2.8.4.	L-indikazzjoni tar-rekwiżiti legali li għandhom ikunu koperti minn standard armonizzat	8
2.8.5.	Standards armonizzati żviluppatti minn korpi oħrajn	9
2.9.	L-adozzjoni mill-ESOs tal-istandards Ewropej u tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea mitlubin	9
2.10.	Ir-reviżjoni tal-istandards Ewropej u tar-riżultati tal-istandards Ewropej mitlubin	10
2.10.1.	Il-validità ta' talba ta' standardizzazzjoni	10
2.10.2.	L-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rifless minn standard armonizzat	10
2.10.3.	Ir-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' standard armonizzat.....	10
2.10.4.	Aċċess għall-informazzjoni li tindika bidliet importanti fi standard armonizzat	10
2.11.	Status quo matul it-tnejn ta' standards armonizzati	10
2.12.	Standards armonizzati li saru irrilevanti.....	10
2.13.	Il-kooperazzjoni ma' korpi oħrajn u r-rilevanza internazzjonali.....	11
2.14.	Kollegament mal-Kummissjoni.....	11

0. INTRODUZZJONI

Dan il-Vademecum dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea jikkonsisti mill-partijiet li ġejjin li huma marbutin mat-talbiet ta' standardizzazzjoni:

L-Ewwel Parti dwar ir-**rwol** tat-talbiet ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni (ESOs); din il-parti hija indirizzata lill-uffiċjali tal-Kummissjoni u lill-atturi kollha fis-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni;

It-Tieni Parti dwar **it-thejjja u l-adozzjoni** tat-talbiet ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni; din il-parti hija indirizzata lill-uffiċjali tal-Kummissjoni; u

It-Tielet Parti dwar **il-linji gwida għall-eżekuzzjoni** mill-ESOs tat-talbiet ta' standardizzazzjoni; din il-parti hija indirizzata lill-ESOs u lill-korpi tekniċi tagħhom.

Oriġinarjament, il-*Vademecum* ġie ppubblikat fl-2003 u mbagħad ġie rivedut għall-ewwel darba fl-2009. Din it-tieni reviżjoni tirrifletti l-azzjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 dwar *Viżjoni strateġika għal standards Ewropej: Il-mixja 'l quddiem biex jittejjeb u jitħaffef it-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija Ewropea sal-2020*¹ u fir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012² dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament").

L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Partijiet ma jindirizzawx l-oġġezzjonijiet formali kontra l-istandards armonizzati jew il-pubblikazzjoni ta' referenzi ta' standards armonizzati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*³.

Din il-parti tal-*Vademecum* (It-Tielet Parti) tagħti l-linji gwida għall-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' standardizzazzjoni biex jiġu stabbiliti prattiki koerenti għall-iżvilupp, għall-pubblikazzjoni u għar-reviżjoni tar-riżultati mitlubin mill-Kummissjoni u livell maqbul ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-ESOs.

¹ COM(2011) 311 finali, 1.6.2011; ara l-Anness II.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012); ara l-Anness II.

³ Dawn se jiġu koperti f' dokumenti oħrajn.

1. L-OBJETTIVI

Dan id-dokument jistabbilixxi l-linji gwida għall-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' standardizzazzjoni ("mandati")⁴ li ġew aċċettati mill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni (ESOs). Huwa indirizzat lill-ESOs u lill-korpi tekniċi tagħhom jew lil entitajiet ekwivalenti tal-abbozzar, u għandu jiġi applikat b'konsistenza matul l-eżekuzzjoni tat-talbiet kollha.

L-approċċ li ttieħed u l-prinċipji sottostanti għandhom l-għan li:

- jippermettu l-**abbozzar** u l-**adozzjoni** effiċjenti u fil-ħin tat-talbiet ta' standardizzaazzjoni u, b'hekk, id-**disponibbiltà** f'waqtha ta' standards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea kif mitlubin, u ta' **kwalità** xierqa;
- jipprommwovu **ppjanar** effettiv tal-proġetti, tar-**rapportar** trasparenti u tas-**segwitu** effiċjenti matul l-eżekuzzjoni tat-talbiet;
- jiżguraw l-**aċċess** trasparenti għall-**programmi tal-ħidma mitluba**⁵;
- l-iffissar ta' kundizzjonijiet għall-**emendar ta' programmi tal-ħidma mitluba**;
- il-promozzjoni ta' **standards u proċessi ta' standardizzazzjoni trasparenti, rilevanti għas-suq u faċli għall-SMEs li jqisu l-interess publiku**;
- **il-promozzjoni ta' kunfidenza fil-programmi tal-ħidma mitluba**;
- l-iżgurar ta' **rapportar** koerenti **fuq il-bażi tal-Artikoli 10(5) u 24(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012**; u
- l-iżgurar li l-**Kummissjoni jkollha l-informazzjoni meħtieġa kollha għad-dispożizzjoni** tagħha meta tapplika l-Artikolu 10(6) għal standards armonizzati.

Il-prinċipji għall-iżvilupp u r-reviżjoni ta' standards armonizzati japplikaw b'mod ġenerali wkoll għal standards Ewropej oħrajn, bħal dawk fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti,⁶ li jappoġġaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' referenzjar indirett, meta r-referenzi tat-tali standards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, meta ssir referenza għal standards armonizzati f'dan id-dokument, it-test għandu jkun japplika wkoll għall-istandards żviluppanti b'appoġġ tal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar is-sikurezza tal-prodotti msemmija hawn fuq.

⁴ L-Artikolu 10(1) sa (5) tar-Regolament.

⁵ Il-programm tal-ħidma mitluba huwa silta mill-informazzjoni ta' referenza maħżuna fil-"programm ta' ħidma tal-korpi tal-istandardizzazzjoni (ESOs)" (ara l-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament), li huwa limitat għal informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' talba u jindika r-riżultati li fil-fatt huma koperti minnu fi żmien partikolari. Il-programm tal-ħidma mitluba fil-kuntest ta' dan id-dokument ma fih ebda ppjanar ta' proġetti jew elementi ta' rapportar.

⁶ ĠU L 11, 15.1.2002, p.

2. IL-LINJI GWIDA GĦALL-EŻEKUZZJONI TAT-TALBIET TA' STANDARDIZZAZZJONI

2.1. Introduzzjoni għall-prinċipji ġenerali

Il-prinċipji stabbiliti f'dan id-dokument jipprovdu gwida għal dawk li jeżegwixxu t-talbiet ta' standardizzazzjoni li ġew aċċettati mill-ESOs. Il-gwida tgħin biex jiġi żgurat li tinżamm konformità mar-rekwiżiti fit-talbiet, u tinqasam fi tnejn:

- (i) gwida proċedurali, eż. dwar il-livell xieraq ta' komunikazzjoni bejn l-ESOs u l-Kummissjoni waqt l-eżekuzzjoni; u
- (ii) il-gwida ġenerali dwar l-iżvilupp dwar il-kontenut mistenni ta' standards armonizzati sabiex tiġi żgurata l-kwalità tar-riżultati mitlubin u speċjalment tal-standards armonizzati.

2.2. Informazzjoni dwar l-ippjanar ta' proġetti

Il-pjan(ijiet) ta' proġetti li fih(om) informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tat-talba ta' standardizzazzjoni għandu/għandhom ikun(u) għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet għandhom jidentifikaw kif xieraq:

- il-manijer(s) tal-proġetti rilevanti jew punti ta' kuntatt oħrajn;
- ir-riżorsi meħtieġa jew disponibbli (inkluż kull korp ieħor li jikkontribwixxi għall-ħidma), il-kompiti ewlenin u t-tragwardi essenzjali matul il-proġett;
- il-kategoriji ta' partijiet ikkonċernati li għandhom jieħdu sehem, jew li se jieħdu sehem, fl-iżvilupp tar-riżultati mitlubin; u
- f'termini ġenerali, kull kontroll prevedibbli fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li jistgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' talba.

2.3. L-istabbiliment tal-programm tal-ħidma mitluba

Tal-inqas, l-informazzjoni dwar ir-riżultati fil-programm tal-ħidma mitluba għandu jkun fiha titlu u kamp ta' applikazzjoni tentattivi.

Ir-riżultati jistgħu jinkludu standards jew riżultati oħrajn diġà adottati jew li qegħdin jiġu żviluppanti mill-ESOs jew minn korpi oħrajn.

Il-programm għandu jindika biċ-ċar jekk ir-riżultati proposti humiex marbutin ukoll ma' talbiet oħrajn ta' standardizzazzjoni.

2.4. Qbil fuq il-programm tal-ħidma mitluba u d-disponibbiltà tiegħu

L-ESO dejjem għandha tftitex li tilħaq qbil mal-Kummissjoni⁷ dwar il-programm tal-ħidma mitluba li jrid jiġi eżegwit, meta ttiprovdi informazzjoni fil-kuntest tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(5) tar-Regolament.

Idealment, l-ESO għandha tqiegħed dan il-programm ta' ħidma speċifiku għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati wara kull aġġornament.

⁷ Normalment, il-Kummissjoni sempliċement tiegħu nota tal-programm tal-ħidma mitluba stabbilit fuq il-bażi ta' talba. Madankollu, tista' anki tiġbed l-attenzjoni lejn il-prijoritajiet tiegħu jew tagħmel kummenti oħrajn biex tara li t-talba oriġinali tagħha tiġi interpretata kif support.

2.5. Aġġornamenti fil-programm tal-ħidma mitluba

Kull meta s-suġġetti jew ir-riżultati koperti minn programm tal-ħidma mitluba jinqasmu, jingħaqdu flimkien jew jitneħħew mill-programm, il-Kummissjoni għandha tiġi informata u tingħata spjegazzjoni.

Għall-kuntrarju ta' reviżjoni f'riżultat li diġà jkun kopert minn talba, l-inklużjoni fil-programm ta' suġġett ġdid għall-istandardizzazzjoni jeħtieġ talba ġdida skont l-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament, sakemm it-talba oriġinali ma jkunx fiha proċedura⁸ għat-tnedija ta' xogħol ġdid mhux kopert oriġinarjament mill-programm.

2.6. Ir-rapportar

Ir-rapportar annwali dwar l-eżekuzzjoni ta' talba għandu jibqa' sakemm it-talba titlesta (jiġifieri jkunu ġew adottati s-suġġetti kollha għall-istandardizzazzjoni, jew ir-riżultati identifikati fil-programm oriġinali tal-ħidma mitluba, possibbilment kif emendat,⁹ bħala standards Ewropej jew bħala riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea), jew tiġi revokata, tiskadi, jew tiġi sostitwita b'talba oħra.

Meta talba individwali ma tistabbilixxix skadenza għar-rapport finali, l-ESO għandha tindika biċ-ċar li l-aħħar rapport annwali huwa r-rapport finali.

Fir-rigward ta' talbiet għal standards armonizzati, ir-rapportar għandu jkompli għall-perjodu ta' validità tat-talba u jkopri kull emenda fl-istandards inkwistjoni u r-reviżjoni tagħhom.

Ir-rapportar annwali għandu jippermetti lill-Kummissjoni tissorvelja l-progress fl-eżekuzzjoni tat-talba u, tal-inqas, għandu:

- jidentifika r-raġunijiet għal kull devjazzjoni mill-programm ta' ħidma;
- jindika jekk il-miżuri li jkunu ttieħdu fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament ħeġġewx u ffaċilitawx ir-rappreżentazzjoni xierqa u l-parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jew kwalunkwe ostakolu li jkun ġie identifikat, u jelenka l-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati li jieħdu sehem b'mod attiv fil-ħidma ta' standardizzazzjoni mitluba mill-Kummissjoni;
- jiddeskrivi, f'termini ġenerali, kull miżura speċifika li tkun ittieħdet sabiex jiġi żgurat li l-istandards armonizzati li jkunu qegħdin jiġu żviluppati jew riveduti jikkonformaw mat-talba/talbiet rilevanti;
- jidentifika kull standard armonizzat mhux sottomess lill-Kummissjoni biex ikunu jistgħu jiġu ppubblikati r-referenzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* u jispjega r-raġunijiet għaliex dawn ma ġewx sottomessi;
- jindika kull standard nazzjonali kunfliġġenti li ma jkunx ġie rtirat skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament sal-iskadenzi stabbiliti mill-ESO rilevanti wara li jiġi ppubblikat standard armonizzat; u
- jinkludi l-programm tal-ħidma mitluba jew jagħti aċċess għalih.

⁸ Ara d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-talba inkwistjoni.

⁹ F'dan id-dokument, "adozzjoni" tirreferi għall-ESO rilevanti li tqiegħed standard Ewropew jew riżultat tal-istandardizzazzjoni Ewropew għad-dispożizzjoni tal-membri tagħha jew tal-pubbliku.

2.7. Il-koerenza fil-ħidma mitluba ta' standardizzazzjoni

Fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni Bażika bejn CEN-CENELEC-ETSI,¹⁰ it-tliet ESOs “qablu li jipprovdu lill-pubbliku sett sħiħ u konsistenti ta' standards u dokumenti ta' kunsens oħrajn biex jagħmlu l-iktar użu effiċjenti possibbli mir-riżorsi skarsi, billi:

- jipprevjenu xogħol doppju bejn is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI;
- jidentifikaw kull diskrepanza fil-programmi ta' ħidma;
- jiċċaraw ir-responsabbiltajiet;
- jipprovdu linji gwida għall-attivitajiet komuni.”

2.8. Gwida speċifika għall-iżvilupp ta' standards armonizzati¹¹

2.8.1. Miżuri biex jiġi żgurat li standard armonizzat jikkonforma ma' talba ta' standardizzazzjoni

L-ESOs huma primarjament responsabbli biex jiżguraw li t-talba aċċettata tiġi eżegwita kif suppost u li l-istandards armonizzati li jirriżultaw jikkonformaw magħha. Il-miżuri tal-Kummissjoni u tal-ESOs fuq il-bażi tal-Artikolu 10(5) tar-Regolament ma jaffettwawx din ir-responsabbiltà primarja u dan l-impenn.

L-ESOs għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jaraw li l-istandards armonizzati kollha jirrispettaw it-termini tat-talbiet ta' standardizzazzjoni rilevanti.

2.8.2. Gwida għall-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet għal standards armonizzati

Standard armonizzat dejjem ikollu l-għan li jappoġġa l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. Talba (jew talbiet) ta' standardizzazzjoni tkun tindika r-reqwiziti legali li għandhom jiġu appoġġati mill-użu ta' standard armonizzat mitlub. L-ESOs għandhom jiżguraw li l-korpi tekniċi jew entitajiet oħrajn responsabbli għall-iżvilupp ta' standards armonizzati għandhom biżżejjed għarfien dwar ir-reqwiziti kollha indirizzati fit-talba rilevanti.

EŻEMPJU: Il-korp tekniku responsabbli għandu jkun jaf li huwa mistenni jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar ir-reqwiziti essenzjali li għandu l-għan li jkopri standard armonizzat (ara t-taqsim 2.8.4).

Standard armonizzat żviluppat bħala tweġiba għal talba jista' jkopri suġġett mhux kopert mit-talba jew kopert minn talbiet oħrajn. Madankollu, jekk dan ikun il-każ, għandha ssir distinzjoni, kemm jista' jkun, bejn l-elementi normattivi bħala tweġiba għat-talba (talbiet) rilevanti u elementi normattivi oħrajn li ma jwieġbu għal ebda talba.

EŻEMPJU: Fi standard armonizzat, l-elementi normattivi marbutin mas-sikurezza (bil-għan li jappoġġaw ir-reqwiziti essenzjali) għandhom ikunu separati kemm jista' jkun mill-elementi normattivi mhux marbutin mas-sikurezza (li ma jappoġġawx ir-reqwiziti essenzjali), sabiex tkun tista' ssir din l-istess distinzjoni

¹⁰ Il-Parti 2 tal-Anness C tar-Regolamenti Interni ta' CEN/CENELEC.

¹¹ Il-gwida f'din it-taqsim hija bbażata fuq l-esperjenza tal-kontenut tal-istandards armonizzati li diġà ġiet applikata mill-ESOs f'ċerti setturi tekniċi.

meta jiġu indikati r-reqwiziti essenzjali koperti minn standard armonizzat (ara t-taqsimha 2.8.4).

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni msemmija f' talba rilevanti għandha tkun punt ta' riferiment għall-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet li jinsabu fi standard armonizzat. Bħala regola ġenerali, standard armonizzat għandu jispeċifika l-mezzi kif jiġu appoġġati r-reqwiziti essenzjali jew legali oħrajn mogħtijin fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

EŻEMPJI:

Ir-ripetizzjoni biss tar-reqwiżiti legali fi standard armonizzat mhijiex mezz ta' appoġġ.

Lanqas ma huma referenzi mhux speċifiċi għal standards oħrajn, jekk dawk li jużaw standard armonizzat iridu jistabbilixxu huma stess il-mezzi biex japplikaw l-istandard imsemmi.

L-istandards armonizzati ma jistgħux jemendaw id-definizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, jiġifieri reqwiżit legali preċiż (bħalma huma l-marki obbligatorji fuq prodott).

Huwa f'idejn l-ESO(s) rilevanti li tiddeċiedi/jiddeċiedu jekk standard armonizzat għandux ikopri reqwiżit essenzjali (jew legali) wieħed, iktar minn wieħed, jew dawk kollha li japplikaw għal prodott jew servizz partikolari. Id-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jappoġġaw ir-reqwiżiti legali skont talba rilevanti dejjem għandhom jieħdu l-forma ta' elementi normattivi fi standard armonizzat.

EŻEMPJI:

Id-dispożizzjonijiet mogħtijin f'anness informattiv ma jistgħux ikunu marbutin mar-reqwiżiti essenzjali, peress li l-konformità ma' standard armonizzat għandha tkun possibbli mingħajr referenza għall-annessi informativi tiegħu.

Bl-istess mod, "Prefazju" (element informattiv) ta' standard armonizzat ma jistax ikun fih dispożizzjonijiet jew referenzi normattivi għal standards oħrajn.

B'konformità mal-istandardizzazzjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet:

- ma għandhomx joħlqu l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni inġusta; u
- għandhom ikunu newtrali għat-teknoloġija u bbażati fuq il-prestazzjoni sabiex jiġi żgurat li standard armonizzat ma jiddiskriminax b'mod inġust kontra ċerti prodotti, servizzi jew operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs.

2.8.3. Gwida għall-għażla ta' referenzi normattivi fi standards armonizzati

Meta jagħżlu referenzi normattivi sabiex jużawhom fi standard armonizzat, l-ESOs dejjem għandhom jippruvaw jiksbu ħoloq ta' referenza limitati u kkontrollati.

Ir-referenzi normattivi jagħmlu parti integrali minn standard armonizzat, iżda ma għandhomx għalfejn ikunu standards armonizzati u lanqas mitlubin mill-Kummissjoni. Għalhekk, l-ESOs għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-evalwazzjoni tal-idoneità ta' kull referenza normattiva, billi jqisu d-disponibbiltà tagħha f'livell nazzjonali, pereżempju — inkluża l-possibbiltà li jkun hemm verżjonijiet bil-lingwi nazzjonali.

Għal standards armonizzati, il-prinċipji li ġejjin huma importanti sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' referenzi normattivi li jwasslu għal nuqqas ta' konformità mat-talba oriġinali:

- 1) Bħala regola ġenerali, għandha ssir referenza għal standards EN jew ISO/IEC;
- 2) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fi klawżoli referenzjati b'mod normattiv ta' standard referenzjat ma għandhomx ikunu jikkontradixxu r-rekwiżiti ta' talba rilevanti;
- 3) Għandhom jiġu evitati referenzi bla data, peress li jistgħu jipprevjenu milli jiġu ppubblikati r-referenzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*¹²;
- 4) Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex isiru referenzi normattivi għall-aħħar edizzjonijiet disponibbli matul l-adozzjoni ta' standard armonizzat;
- 5) Għandhom jiġu evitati r-referenzi għal klawżola ta' standard b'nuqqasijiet magħrufin jew allegati (eż. soġġetti għal oġġezzjoni formali);
- 6) Ir-referenzi normattivi kollha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta jiġi ppubblikat standard armonizzat. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-ESO rilevanti għandha ddewwem is-sottomissjoni tar-referenzi ta' dak l-istandard armonizzat lill-Kummissjoni sakemm ikunu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku; u
- 7) L-atti legali qatt ma jistgħu jintużaw bħala referenza normattiva¹³.

2.8.4. L-indikazzjoni tar-rekwiżiti legali li għandhom ikunu koperti minn standard armonizzat

L-informazzjoni kollha dwar ir-rekwiżiti legali li għandhom ikunu koperti minn standard armonizzat, u dik l-informazzjoni biss, idealment għandha tiġi stabbilita f'anness informattiv għall-istandard armonizzat. Din l-informazzjoni għandu jkun fiha wkoll referenza għad-deċizzjoni(jiet) ta' implimentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni (jiġifieri talba/talbiet ta' standardizzazzjoni).

L-informazzjoni għandha tiġi abbozzata b'mod parallel mad-dispożizzjonijiet mogħtijin fl-istandard armonizzat u għandha tkun disponibbli matul l-istadji ta' konsultazzjoni pubblika sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-abbozz tal-istandard armonizzat skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament. Meta standard armonizzat ikollu l-għan li jappoġġa l-applikazzjoni ta' għadd ta' direttivi/regolamenti, l-informazzjoni għandha tagħmilha ċara liema dispożizzjonijiet jappoġġaw liema atti.

L-ESOs kollha għandhom japplikaw prinċipji armonizzati għall-kitba u l-format ta' din l-informazzjoni, idealment permezz ta' format ta' tabella ddedikat. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, għandu jiġi evalwat – fuq il-bażi tar-rekwiżiti legali appoġġati u fuq informazzjoni oħra mogħtija fi standard armonizzat – kif il-korrispondenza dettaljata

¹² Jekk imbagħad jinbidlu r-referenzi normattivi bla data, tista' tintilef il-konformità ma' standard armonizzat. B'konsegwenza ta' dan, il-preżunzjoni tal-konformità tintilef ukoll jekk l-utenti tal-istandard armonizzat ma jadattawx minnufih il-prodotti jew is-servizzi tagħhom għall-bidliet rilevanti. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ma tapplikax (u lanqas ma tista' tapplika) l-Artikolu 10(6) tar-Regolament u l-utenti tal-istandard armonizzat ma jkunux jistgħu jstabbilixxu b'faċilità meta l-bidliet isiru applikabbli u li ma hemm ebda arranġament trażitorju speċifiku li jiżgura li l-preżunzjoni ta' konformità (għalkemm mhux indispensabbli) tista' tinżamm mingħajr interruzzjoni.

¹³ Huma possibbli biss referenzi informattivi għall-atti legali, eż. f'anness informattiv (ara t-taqsim 2.8.4).

tista' tiġi indikata bejn l-elementi normattivi tal-istandard armonizzat u r-rekwiżiti legali li għandhom jiġu koperti.

L-ESOs għandu jkollhom mezzi xierqa ta' kif jivverifikaw u jemendaw din l-informazzjoni, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet skont l-Artikolu 10(5), qabel ma jiġi ppubblikat standard armonizzat.

L-ESOs flimkien mal-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni (NSBs) għandhom ifittxu modi xierqa ta' kif jipubblikaw l-informazzjoni li tindika r-rekwiżiti legali li għandhom jiġu koperti minn standard armonizzat eż. fl-astratti ta' standards armonizzati, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs.

2.8.5. Standards armonizzati żviluppati minn korpi oħrajn

L-ESOs jistgħu jikkooperaw ma' korpi oħrajn ta' standardizzazzjoni sabiex jiżviluppaw, jemendaw jew jirrevedu standards armonizzati koperti minn talba ta' standardizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tat-talba oriġinali daqstant ieħor huma validi meta standard, li għandu jsir standard armonizzat, jiġi żviluppata minn korp ieħor. F'każijiet bħal dawn, l-ESO rilevanti għandha tinforma lill-korp l-ieħor dwar ir-rekwiżiti tat-talba ta' standardizzazzjoni rilevanti u tar-rekwiżiti fl-Artikolu 5 tar-Regolament.

Meta standard armonizzat jiġi żviluppata, emendat jew rivedut minn korp ieħor, l-ESO rilevanti għandha toqgħod attenta b'mod partikolari għall-abbozzar tal-informazzjoni msemmija fit-taqsim 2.8.4 u d-disponibbiltà tagħha fil-ħin matul l-istadji ta' konsultazzjoni pubblika.

B'mod indipendenti mill-miżuri li jridu jitnedew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament, l-ESOs għandu jkollhom mezzi xierqa kif jivverifikaw jekk standard armonizzat żviluppata minn korp ieħor jistax jintuża bis-sħiħ jew b'mod parzjali bħala tweġiba għal talba tal-Kummissjoni.

2.9. L-adozzjoni mill-ESOs tal-istandards Ewropej u tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea mitlubin

L-ESOs għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, fil-lingwa/i uffiċjali tagħhom, it-testi tal-istandards Ewropej u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea mitlubin u, jekk din jintalbuha, l-informazzjoni dwar is-sorsi tar-referenzi normattivi kollha.

Meta r-referenzi tal-istandards armonizzati jew Ewropej oħrajn ikunu se jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*, it-talba rilevanti ta' standardizzazzjoni titlob lill-ESOs jissottomettu dawn ir-referenzi lill-Kummissjoni. L-ESOs dan għandhom jagħmluh mingħajr dewmien u skont l-ippjanar annwali tagħhom wara li jkunu adottaw l-istandards inkwistjoni.

Meta l-ESO rilevanti tqis li standard armonizzat jew Ewropew ieħor ma jikkonformax mat-talba ta' standardizzazzjoni oriġinali, ma għandhiex tissottometti r-referenzi lill-Kummissjoni u għandha tirrapporta dwar ir-raġunijiet għal dan, fuq il-bażi tal-mezzi li stabbilixxiet skont it-taqsim 2.8.1, jew ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament.

2.10. Ir-reviżjoni tal-istandards Ewropej u tar-riżultati tal-istandards Ewropej mitlubin

2.10.1. *Il-validità ta' talba ta' standardizzazzjoni*

Ir-rekwiżiti mogħtijin f'talba ta' standardizzazzjoni, flimkien ma' kull emenda sussegwenti, jibqgħu japplikaw meta l-istandards Ewropej mitlubin u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropej jiġu riveduti, sakemm it-talba ma tiġix revokata, tiskadi jew tiġi sostitwita minn talba oħra¹⁴.

2.10.2. *L-oġġla livell ta' żvilupp tekniku rifless minn standard armonizzat*

L-ESOs għandu jkollhom mezzi u proċeduri xierqa biex iniedu r-reviżjoni ta' standard armonizzat ħalli jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tiegħu mogħtijin fit-tali standard armonizzat jibqgħu jirriflettu kif xieraq l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali.

2.10.3. *Ir-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' standard armonizzat*

Meta jkun ipplanat li l-verżjoni riveduta ta' standard armonizzat ikollha kamp ta' applikazzjoni iżgħar minn dak tal-istandard sostitwit, l-ESO inkwistjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni u tispejgalha dan qabel ma tippubblikah¹⁵.

2.10.4. *Aċċess għall-informazzjoni li tindika bidliet importanti fi standard armonizzat*

L-ESOs, flimkien mal-NSBs għandhom ifittxu mezzi xierqa biex jippubblikaw l-informazzjoni li tindika bidliet sinifikanti fi standard armonizzat rivedut jew emendat, eż. fl-astratti ta' standards armonizzati, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs.

2.11. Status quo matul it-thejjja ta' standards armonizzati

L-aċċettazzjoni ta' talba ta' standardizzazzjoni mill-ESO tniedi l-“istatus quo” msemmi fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament dwar l-attività nazzjonali ta' standardizzazzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-talba rilevanti.

2.12. Standards armonizzati li saru irrilevanti

L-ESOs għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk biħsiebhom jirtiraw standard Ewropew armonizzat imsemmi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* fuq il-bażi li ma għadux jirrifletti l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku jew sar irrilevanti u mhumiex biħsiebhom jirrevedu jew jippubblikaw standard armonizzat ġdid li jeħodlu postu¹⁶.

L-Artikolu 3(6) jkompli japplika sakemm il-Kummissjoni tirtira r-referenzi għall-istandard inkwistjoni minn *Il-Ġurnal Uffiċjali*, anki jekk dan l-istandard ikun ġie rtirat bħala standard Ewropew.

¹⁴ Ara wkoll it-taqsimha 6.3 fil-Parti I.

¹⁵ Dan jippermetti lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk hemmx bżonn tittieħed azzjoni speċifika fir-rigward ta' prodotti jew servizzi li ma għadhomx koperti mill-istandard. Dan huwa każ speċifiku meta l-ESO tieqaf b'mod parzjali mill-eżekuzzjoni tat-talba ta' standardizzazzjoni.

¹⁶ Dan jippermetti lill-Kummissjoni tistabilixxi l-aħħar data għall-preżunzjoni tal-konformità għal prodotti, servizzi jew suġġetti oħrajn li ma għadhomx koperti mill-istandard armonizzat. Dan huwa każ speċifiku li fih l-ESO tieqaf b'mod parzjali mill-eżekuzzjoni tat-talba.

2.13. Il-kooperazzjoni ma' korpi oħrajn u r-rilevanza internazzjonali

Meta standard Ewropew mitlub jew rizzultat tal-istandardizzazzjoni Ewropew mitlub jiġi żviluppat, rivedut jew emendat minn korpi oħrajn, l-ESO rilevanti għandha tivverifika li l-proċessi ta' żvilupp huma bbażati fuq il-prinċipji rikonoxxuti mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fil-qasam tal-istandardizzazzjoni (il-prinċipji tal-Anness 3 għall-OTK tad-WTO)¹⁷.

Meta jeżgwiwxu t-talbiet, l-ESOs għandhom iqisu kemm jista' jkun l-istandards internazzjonali eżistenti rilevanti u jużaw b'mod globali l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi żviluppati minn organizzazzjonijiet oħrajn ta' standardizzazzjoni skont il-prinċipji tal-Anness 3 għall-OTK tad-WTO.

2.14. Kollegament mal-Kummissjoni

L-ESOs għandhom ikunu kkollegati mad-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għat-talba ta' standardizzazzjoni matul il-perjodu ta' eżekuzzjoni.

Kull mistoqsija dwar l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti mogħtija f'talba ta' standardizzazzjoni għandha tintbagħat lil dak id-dipartiment u l-unità ta' standardizzazzjoni fid-DG GROW għandha tinżamm aġġornata.

¹⁷ https://www.wto.org/english/res_e/booksp_e/analytic_index_e/tbt_02_e.htm#ann_3